MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Rikors Numru. 802/1997/1

Anthony Bonello
vs
Chairman Kalaxlokk Construction Company Limited gia Kalafrana Construction Company Limited u b'digriet tat-30 ta' Lulju 1999 giet korretta ghal Chairman Kalaxlokk Company Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi ma giex moghti l-promozzjoni li kien jikkwalifika ghaliha, mill-Korporazzjoni intimata, u sahansitra gie mcahhad mis-seniority, minghajr raguni valida anzi x'aktarx minhabba motivi politici.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Illi f'Novembru 1980 ir-rikorrent kien gie misluf mis-Sea Malta Company Limited lill-Port Department biex jahdem bhala "Dredger Barge Operator".

Illi f'Marzu 1982 ir-rikorrent dahal jahdem mal-Kalafrana Construction Company Limited (illum Kalaxlokk Construction Co. Ltd.), bhala "Dredger Barge Operator" u fil-1984 gie promoss ghall-grad ta' Technical Officer I.

Illi maz-zmien ir-rikorrent inghata u beda jaghmel ix-xoghol ta' Dredging Master liema kariga kienet ekwivalenti ghall-grad ta' "Technical Officer 2". Madankollu r-rikorrent ma kellux ufficjalment il-grad ta' Dredging Master jew Technical Officer II u kien biss jithallas allowance ta' dan il-grad, bla ma kellu l-grad.

Illi r-rikorrent dejjem impenja ruhu u ha interess fix-xoghol li gie inkarigat jaghmel u dejjem wettaq id-doveri tieghu bl-akbar responsabbilta` u efficjenza ghas-sodisfazzjon shih tas-superjuri tieghu.

Illi bejn l-1987 u l-1992 is-socjeta` intimata diversi drabi harget sejhiet biex jimtlew vakanzi fil-grad ta' Technical Officer II.
Illi peress li r-rikorrent kellu l-kwalifiki u l-esperjenza u s-seniority necessarja ghal dan il-grad huwa f'kull okkazjoni applika biex jigi promoss ghal "Technical Officer II".

Illi f'kull okkazjoni r-rikorrent issejjah u attenda ghal interviews li matulhom irrisponda korrettement ghall-mistoqsijiet kollha li sarulu u kien kunfidenti ferm li kien mar tajjeb.

Illi madankollu f'kull okkazzjoni meta hargu r-rizultati r-rikorrent baqa' ma giex promoss.

Illi r-rikorrent irrileva li ftit taz-zmien ilu sar jaf illi ghal xi raguni gew imnehhija xi dokumenti mill-file personali tieghu liema dokumenti kienu jikkonsistu f'certifikati ta' kwalifiki li kellu r-rikorrent u li setghu jghinuh biex javvanza fil-karriera tieghu.

Illi in oltre f'April 1990 ir-rikorrent gie avvicinat mill-Works Manager tas-Socjeta` intimata is-Sur Charles Scerri. Dan qallu li skond memo mahruga mill-Kumpanija Kalaxlokk Construction Company Limited sabiex ir-rikorrent seta' jigi accettat bhala "Dredger Master" mas-socjeta` intimata li issa kienet biddlet isimha, ir-rikorrent kellu jiffirma karta li kienet tghid li hu (ir-rikorrent) kien qed jaccetta l-impjieg mas-socjeta` intimata bhala "Master" b'effett minn dik id-data. Kien f'dan il-perjodu wkoll meta r-rikorrent ma baqax jircievi l-allowance ta' Technical Officer II.

Illi r-rikorrent ma setax jifhem ir-raguni ghaliex kellu jaccetta din l-ordni, peress illi kien diga ilu tmien snin impjegat mas-socjeta` intimata u mill-bidu tal-impjieg tieghu kien jaghmel ix-xoghol ta' Dredger Master.

Illi madankollu, peress illi r-rikorrent gie moghti x'jifhem illi jekk ma jiffirmax kien ser jigi terminat l-impjieg tieghu, huwa ffirma d-dokument tal-kumpanija.

Illi b'hekk ir-rikorrent gie mtellef it-tmien snin seniority li kellu peress illi l-impjieg tieghu mal-kumpanija intimata gie kunsidrat li beda mill-1990 cioe` d-data li gie mgieghel jiffirma d-dokument imsemmi mill-kumpanija intimata.

Illi r-rikorrent hass li ma kien hemm ebda raguni valida ghaliex huwa (i) f'diversi okkazzjonijiet ma nghatax il-promozzjoni li kien jisthoqqlu ghall-grad ta' Technical Officer II, u (ii) gie ingustament mcahhad mit-tnax-il sena seniroity li kien igawdi meta l-impieg tieghu mal-kumpanija intimata gie kalkolat li beda fl-1990; anzi r-rikorrent sostna li dan gara x'aktarx ghal mottivi politici.

Illi b'konsegwenza tal-ingustizzja li sofra r-rikorrent gie mtellef l-opportunita` li javvanza fil-karriera tieghu u minflok inghata promozzjoni kif kien jisthoqqlu, gie mtellef is-servizz/seniority li kellu. B'rizultat ta' dan ir-rikorrent sofra telf finanzjarju konsistenti fl-awment ta' paga relattiva ghall-grad ta' "Technical Officer II" miz-zmien li kien jisthoqqlu tali promozzjoni kif ukoll tbatija morali.

Illi b'hekk ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrent fil-perjodu fuq indikat garrab ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalih jew li minhabba fiha garrab inkapacita` jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi biex isostni l-ilment tieghu r-rikorrent kien sejjer iressaq ix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lit-Tribunal joghgbu wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tar-rikorrent jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna li jinghata rimedju lir-rikorrent billi:

(1) Jinghata l-promozzjoni li kien haqqu ghall-grad ta' Technical Officer II b'effett retroattiv miz-zmien li kellu jinghata tali promozzjoni;

(2) Tigi restitwita lilu s-seniority/servizz li kellu mal-kumpanija intimata u jinghata kull promozzjoni ohra li kien jikkwalifika ghaliha kieku ma saritx ingustizzja mieghu kif spjegata f'dan ir-rikors u

(3) Jithallas l-arretrati kollha ta' paga, overtime u allowances li tilef ir-rikorrent b'rizultat tal-ingustizzja li sofra.

Fl-eventwalita` li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw ir-rikorrent talab li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta' Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li t-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez tal-procedura kontra l-korporazzjoni intimata.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tas-socjeta` Kalaxlokk Company Limited li eccepiet:

Illi r-rikors sar kontra Kalaxlokk Construction Company Limited gia Kalafrana Construction Company Limited. Infatti s-socjeta` Kalafrana Construction Company Limited amalgamat ma’ kumpanija ohra biex iffurmat il-kumpanija gdida Kalaxlokk Company Limited. Is-socjeta` Kalaxlokk Construction Company Limited indikata mir-rikorrent fir-rikors tieghu qatt ma ezistiet.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal fuq ghal kull buon fini fil-ligi s-socjeta` Kalaxlokk Company Limited tat is-segwenti eccezzjonijiet.

Ir-rikorrent ilmenta li hu sofra ingustizzja ghax ma giex moghti l-promozzjoni li kien jikkwalifika ghaliha u gie mcahhad mis-seniority minghajr raguni valida, anzi x’aktarx minhabba motivi politici. Ovvjament jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova dak li qed jghid. Minn naha taghha, is-socjeta` intimata cahdet l-allegazzjonijiet tar-rikorrent bhala infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Illi r-rikors tar-rikorrent hu bazat fuq numru ta’ premessi zbaljati. Filwaqt li huwa minnu li r-rikorrent beda jaghmel xoghol mal-kumpanija fl-1 ta’ Marzu 1982 bhal Dredging Barge Operator bhal ma jghid ir-rikorrent, mhux minnu li fl-1984 ir-rikorrent nghata xi promozzjoni ghall-grad ta’ Technical Officer I kif huwa allega. Infatti fl-1984 ir-rikorrent sempliciment inghata higher duty allowance ta’ Technical Officer I. Fi kliem iehor, ghalkemm kien qed jithallas daqs li kieku kien Technical Officer I, ir-rikorrent ma nhatarx Technical Officer I fl-1984.

Illi r-rikorrent allega wkoll li hu kien qed jaghmel xoghol ta’ Dredging Master liema kariga skond hu kienet ekwivalenti ghall-grad ta’ Technical Officer 2. Illi ibda biex il-kariga ta’ Dredging Master ma tezistix fi hdan il-kumpanija u jezisti biss il-grad ta’ Master. Illi inoltre l-kariga ta’ Master kienet u ghadha ekwivalenti biss ghal grad ta’ Technical Officer I. Tant hu hekk li meta r-rikorrent nghata l-grad ta’ Master fl-1990 huwa nghata l-grad ta’ Technical Officer I ara Dok J anness mar-rikors tar-rikorrent stess.

Illi minhabba dawn l-izbalji s-socjeta` intimata ma kenitx f'posizzjoni li tifhem ezattament x' kien qed jitlob ir-rikorrent bl-ewwel talba tieghu u cioe` dik li jinghata l-grad ta' Technical Officer 2. Jekk b'daqshekk ir-rikorrent qed jitlob li jigi appuntat Master, jigi rilevat min issa li r-rikorrent ilu mahtur f'dak il-grad sa minn April ta' l-1990.

Illi minkejja l-imsemmija inezattezzi fir-rikors tar-rikorrent, is-socjeta` intimata irrimarkat is-segwenti:

(a) Illi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija specifikament limitata mill-ligi li biha gie mwaqqaf ghall-ingustizzji li graw bejn 9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995. Isegwi ghalhekk, li t-Tribunal ma ghandux kompetenza biex jikkunsidra kwalunkwe talba tar-rikorrent in konnessjoni max-xoghol tieghu qabel l-imsemmija data tad-9 ta' Mejju 1987. Madankollu gie rilevat illi fit-8 ta' Gunju 1984, il-General Workers Union kitbet lil Kalafrana Construction Company Limited u talbet lil dik il-kumpanija li r-rikorrent jinhatar Dredger Master - ara Dok B anness mar-rikors tar-rikorrent stess. Il-kumpanija ma laqghetx it-talba tal-GWU izda akkordat lir-rikorrent Higher Duties Allowance b'effett mill-1 ta' Lulju 1984. Kien biss f'April tal-1990 li r-rikorrent inghata l-hatra ta' Master. Minn dan isegwi carament li ma saret l-ebda ingustizzja politika mar-rikorrent u li l-allegazzjoni tieghu ta' ingustizzja politika hija ghal kollox infondata.

(b) In oltre gie rilevat li skond id-dokument "F" anness mar-rikors tar-rikorrent stess, ir-rikorrent applika biex isir Master lejn l-ahhar tal-1989. Ftit xhur wara u cioe` f'April tal-1990 huwa nghata dik il-kariga. Wiehed ma jistax ma jistaqsix ghalhekk fuq liema bazi r-rikorrent qed jallega li b'xi mod saret xi ngustizzja mieghu.

(c) Gie rilevat ukoll li kien hemm min ta' l-anqas okkazzjoni wahda wara l-hatra tar-rikorrent fil-grad ta' Technical Officer I (Master) fejn ir-rikorrent naqas milli jirrispondi ghal sejha ghall-applikazzjonijiet ghal grad ta' Technical Officer II (Assistant Marine Craft Supervisor). Infatti r-rikorrent ma applikax ghal din il-kariga meta saret sejha ghall-applikazzjonijiet fl-1991. Huwa ovvju li r-

rikorrent ma jistax jippretendi li jinghata promozzjoni minghajr ma japplika ghaliha u li ma jistax jallega li saret xi ingustizzja mieghu jekk hu anqas indenja ruhu japplika fl-ewwel post.

(d) In konnessjoni mat-tieni talba tar-rikorrent u cioe` li ghandha tigi restitwita lilu s-seniority li kellu mal-kumpanija u jinghata kull promozzjoni ohra li kien jikkwalifika ghaliha kieku ma saritx ingustizzja mieghu, jigi osservat illi fil-bidu r-rikorrent ma kienx haddiem fiss mal-kumpanija u li ghal din ir-raguni fl-1990 ma tnaqqaslu xejn mis-seniority tieghu. Illi inoltre gie rilevat illi s-socjeta` intimata tapplika policy fejn il-promozzjonijiet fi hdanha ma jiddipendux fuq is-seniority, izda esklussivament fuq il-kompetenza. Infatti l-promozzjonijiet fi hdan il-kumpanija jinghataw dejjem u biss wara sejha ghall-applikazzjonijiet u skond kif l-applikanti jkunu marru fl-interview li jsirilhom appositament. Ir-rikorrent jidher li kien jaf dan, tant li skond id-dokument H anness mar-rikors tieghu huwa applika ghall-post ta’ Technical Officer III meta kien ghadu kemm gie appuntat Technical Officer I. Min dan kollu jsegwi li r-rikorrent ma tnaqqaslu xejn mis-seniority tieghu u li f’kull kaz is-seniority ma hix rilevanti fi hdan is-socjeta` intimata. Isegwi wkoll li galadarba s-seniority ma tiddeterminax awtomatikament min ghandu jiehu promozzjoni ma kien hemm l-ebda promozzjoni li r-rikorrent kien jikkwalifika ghaliha kif isemmi hu ghax ir-rikorrent seta jiehu promozzjoni biss wara applikazzjoni f’dak is-sens u skond kif imur fl-interview li jsirlu ghal dak il-ghan.

(e) Finalment in konnessjoni mat-tielet talba tar-rikorrent gie rilevat illi r-rikorrent dejjem thallas tax-xoghol li ghamel u ghalhekk qatt ma sofra l-ebda telf finanzjarju. Tant hu li ghalkemm ir-rikorrent dam sal-1990 biex sar Master (Technical Officer 1) huwa kien ilu sa mill-1984 jippercipixxi Higher Duty allowance ghax-xoghol li kien qed jaghmel. Similment bejn il-15 ta’ Awissu 1986 u l-hatra tieghu bhala master ir-rikorrent kien qed jippercepixxi ukoll Higher Duty Allowance ohra ekwivalenti ghall-grad ta’ Technical Officer II.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet jidher car li r-rikorrent ma sofra l-ebda ingustizzja u ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda tas- socjeta` intimata.
Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn qal li kien ilu mill-1982 jahdem mal-Kalafrana Construction Company Limited fejn kien jahdem fuq id-dredgers. Spjega li kienu jibghatulu xi masters biex ighallimhom juzaw dawn l-ingenji. Qal li dejjem wettaq id-doveri tieghu sew. Semma li l-Union kienet baghtet diversi ittri lill-kumpanija fejn intalab li hu u l-kollega tieghu Joseph Lia li kellu l-istess grad jinghataw grad oghla peress li kienu qed jaghmlu xoghol oghla mill-grad taghhom. Qal li Lia nghata l-grad ta' Technical Officer III qabel ma rtira, u ghalhekk din affetwatu ghall-pensjoni filwaqt li hu ghadu fil-grad ta' Technical Officer I. Hu lmenta li saret ingustizzja mieghu peress li hu kien qed jaghmel xoghol ta' dredging master u normalment minn kien ikun f'dak il-grad kien jiehu allowance. Qal li hu qatt ma nghata l-grad ta' TOII meta kien spicca l-grad ta' dredging master u dan b'telf finanzjarju ghalih. Zied ighid li hu applika kemm il-darba ghall-promozzjoni ta' TOII jista' jkun li xi darba ma applikax imma fl-okazzjonijiet l-ohra kollha kien applika. Hu esebixxa ritratti a fol 76, 77 u 78 tal-process li juru l-bicciet tal-bahar li kien jahdem bihom.
In kontro ezami hu qal li applika tlett darbiet ghas-sejhiet tal-applikazzjonijiet wahda ta' Chief Casing (ekwivalenti ghal Tech III) ohra ta' Works Manager u ohra ma jiftakarx ghal xhiex. Qal li hu diga kellu l-grad ta' Master, kien tela' bih mill-Port Department imma hu kien rega applika ghall-grad ta' Master. Qal li fil-fatt hu kellu l-licenzja biex isuq il-bicciet tal-bahar. Hu baqa' jirrifjuta li kien Dredger Barge

Operator u nsista li hu kien Master. Kompla jghid li l-unika applikazzjoni li kienet harget u ma kienx applika ghaliha kienet ta' Wharf Master f'Gunju 1990. Qal li fl-1993 kien applika ghall-grad ta' Assistant Section Superintendent fl-1993 izda ma kienx gie maghazul.

Xehed Napoleon Carabott li qal mill-1979 sal-1986 kien in charge tal-Marine Crafts kollha. Qal li meta gie d-dredging apparatus gie mieghu r-rikorrent li kien wiehed minn dawk li qed imexxu l-hopper barges, u meta nqala l-bzonn tax-xiftijiet kienu qabbdu lir-rikorrent jiehu hsieb ix-shift flimkien ma' Charlie l-Ghawdxi. Spjega li wiehed li jkun qed jiehu hsieb ix-shiftijiet ikollu responsabiltajiet iktar. Semma wkoll li x-xoghol kien qed jizdied u r-rikorrent kien ukoll ighallem in-nies biex imorru jarmu bil-barges. Qal li r-rikorrent dejjem ghamel ix-xoghol kollu li kien imqabbad jaghmel u ghamel xoghlu tajjeb. Zied ighid li xoghol ir-rikorrent dejjem kien sodisfacenti avolja kien jaghmel xoghol li kien oghla mill-grad tieghu u qal li r-rikorrent kien jahdem tahtu mill-1981 sal-1985.

Xehed Alphonse Caruana Chairman tat-Tribunal Industrijali li jaf li r-rikorrent kien jahdem f'Kalafrana fuq id-dredging works. Qal li dak iz-zmien hu kien segretarju tal-GWU taqsima Port u Trasport. Spjega li peress li kien ser isir ftehim kollettiv gdid hu kien qed jinsisti li r-rikorrent u xi ohrajn isiru dredging masters. Spjega li izda mbaghad hu ma kienx baqa' mal-GWU u ghalhekk ma baqax isegwi dan. Hu kkonferma li r-rikorrent u xi ohrajn kienu qed jaghmlu xoghol ta' dredging masters li hu kien jikkorispondi regolari mal-Kumpanija, biex jinghataw il-grad ta' dredging masters. Meta ra r-ritratti esebiti a fol 76 u 77 tal-process hu kkonferma li l-ewwel ritratt juri d-dredging barge, fit-tieni ritratt jaghraf lir-rikorrent fil-kabina tal-master.

Xehed Edwin Mamo Manager Amministrattiv fil-Kalaxlokk li esebixxa r-rizultati ghall-post ta' Master u TOI datat 10 ta' Lulju 1990. Hu qal li jirrizulta li r-rikorrent kien sekondat mill-Port Section ghal mal-Kumpanija Kalafrana f'Marzu 1983 u kellu l-grad ta' operator. Kompla jghid li hu kien inghata l-grad ta' Dredging Barge Operator mill-

Kumpanija u kien jinghata allowance biex jilhaq is-salarju ta' TOI. Zied ighid li f'Gunju 1984 is-Segretarju tal-GWU kien ressaq l-ewwel talba sabiex ir-rikorrent jinghata l-grad ta' Dredger Master minflok dak ta' Barge Operator. Regghu saru talbiet ohra sussegwentament. Zied ighid li f'Novembru 1989 kienu hargu applikazzjonijiet ghal Masters mal-Kumpanija, qal li r-rikorrent kien applika u ha l-grad ta' Master f'Lulju 1990. Qal li r-rikorrent kien talab spjegazzjoni dwar il-paga izda gie esebit dokument a fol 111 tal-process fejn hemm minuta li l-allowance ta' Bonello kien twaqqaf b'rizultat tar-ri-organizzazzjoni li saret fil-Kumpanija.

Kompla jghid li f'Gunju 1990 harget sejha ghall-applikazzjoni ghall-post ta' Wharf Master u Bonello ma applikax. Semma li f'Settembru 1992 harget sejha ghall-applikazzjoni ghall-post ta' Chief Caisson Rigger. Qal li Bonello kien applika izda hadd minn dawk li applikaw ma nstab li kien kompetenti. Semma sejha ohra ghall-post ta' Assistant Section Superintendent u Bonello ma applikax.

In kontro ezami qal li r-rikorrent dahal mal-Kumpanija fl-1982. Ikkonferma li dokument a fol 8 tal-process hi licenzja ta' Master bin-numru 157. Qal li l-biljett tar-rikorrent juri biss li r-rikorrent kien operator u kien misluf ghandhom mis-Sea Malta. Spjega li qabel il-collective agreement tal-1992 qal li kien hemm min kellu l-grad ta' Master u ma kellux biljett biex isuq il-crafts, kienu jimxu fuq l-esperjenza. Izda qal li meta dahal dan il-ftehim kollettiv saret tassattiva li jkollu biljett. Ikkonferma li jidher car li Bonello kellu l-master ticket qabel gie impjegat mal-Kalaxlokk. Semma wkoll li ghamel tiftix dwar xi sejhiet ghall-applikazzjonijiet fosthom dik ta' Marine Works Officer TOIII u qal li ma kien ikkwalifika hadd u ghalhekk ma sar ebda haddiem u rigward dik ta' TOIII fl-1990, qal li dak il-grad kien mimli minn Joseph Spagnol.

**KONKLUZJONIJIET:**

L-ewwel li hu importanti li jigi rilevat hu li dak li sar qabel id-9 ta' Mejju 1987 jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal. Infatti l-artikolu 5 (4) tal-Att VIII tal-1997 jghid:

“(4) Dan l-Att ma għandu jkun japplika għal ebda att jew omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta’ Mejju, 1987 jew wara l-15 ta’ Mejju, 1995.”

Għalhekk kull allegazzjoni ta’ ingustizzja mir-rikorrent riferibbli għal qabel 1987 ma tistax tiġi eżaminata. Ara wkoll deċiżjoni tat-Tribunal fl-ismijiet Peter Barbara vs Direttur Dipartiment Avjazzjoni Ċivili deċiża fl-10 ta’ Ottubru, 2000.

Jirriżulta li r-rikorrent fid-9 ta’ Mejju, 1987 kien għadu ma laħaqx Technical Officer I iżda kien jagħmel xogħol ta’ Dredging Barge Operator fil-waqt li kien qiegħed jingħata Higher Duty Allowance ta’ Technical Officer I. Ir-rikorrent allega li kien qiegħed jagħmel xogħol ta’ Dredging Master kariga ekwivalenti għal Technical Officer II. Iżda l-kumpanija sostniet li tali kariga ma teżistix u r-rikorrent ma ġab ebda prova kuntrarja. Il-kumpanija sostniet li dak li kien jeżisti kien il-grad ta’ Master ekwivalenti għal grad ta’ Technical Officer I liema kariga r-rikorrent ħadha fl-1 ta’ Lulju, 1990 [ara fol 17 Dok J preżentat mir-rikorrent] wara li kien applika għaliha fl-aħħar ta’ l-1989.

Ir-rikorrent matul il-kontro-eżami kien baqa’ jinsisti li hu kellu l-grad ta’ Master qabel l-1990 iżda jidher li l-konfużjoni f’moħħ ir-rikorrent saret minħabba li hu kellu l-grad ta’ Master mal-Port Department iżda ħa dan il-grad mal-kumpanija biss fl-1990. Bħala fatt ma pproduċa ebda ċertifikat li mal-kumpanija kellu l-grad ta’ Master qabel l-1990.

Dan kollu jfisser li dak li sar qabel 1987 mhux sindakabbli mit-Tribunal. Ir-rikorrent ħa l-promozzjoni li talab fl-1990. Dwar tlitt applikazzjonijiet li seta’ applika għalihom - għall-post ta’ Wharf Master u Assistant Section Superintendent ir-rikorrent ma applikax. Applika biss għal dik ta’ Settembru 1992 għall-post ta’ Chief Caisson Rigger iżda ħadd minn dawk li applikaw ma nstab li kien kompetenti. Dan kollu jwassal għal fatt li ma tirriżulta ebda ingustizzja ċensurabbli mit-Tribunal. Is-sottomissjonijiet kollha tar-rikorrent li hemm distinzjoni bejn Barge u Dregger Barge ma jirriżultawx mill-atti u lanqas ebda promozzjoni

dwarhom. Jista’ kien il-kaz li wiehed jezamina jekk kienx gust li wiehed idum snin jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu minghajr ma jiehu l-promozzjoni ghalkemm jiehu l-hlas. Izda t-Tribunal ma jistax jezamina qabel 1987. Jista’ jara kemm dam wara l-1987 ma ha promozzjoni u fil fatt dam tlitt snin li mhux perijodu li t-Tribunal ghandu jiccensura.

Ghal dawn il-motivi fil-waqt li jilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata, jichad it-talbiet tar-rikorrent. Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------